MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1850/1998/2

**M. Vending Limited**

**vs**

**Anthony Mario u Carmen konjugi Vella**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centesmu (Lm1454.62) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' merca lilhom mibjugha u konsenjata kif ukoll prezz ta' riparazzjonijiet ezegwiti mis-socjeta' attrici fuq inkariku tal-konvenuti;

Illi dan il-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata Dok A;

Ghalhekk is-socjeta atttrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:-

1. tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u procedura civili;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf erba’ mija erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centesmu (Lm1454.62) dovuti kif fuq intqal;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta’ Awissu 1998 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 3187/98, il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 3181/98 u bl-imghax legali mill-25 ta’ Awissu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u inoltre l-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Peliminarjament, is-socjeta’ attrici qed tippretendi pagament ta’ bilanc allegatament dovut fuq somma akbar rapprezentanti hlas ta’ merkanzija li giet ikkonsenjata u mibjugha mhux lill-konvenut proprio, izda lis-socjeta’ Travellers’ Lodge, Company Limited, fis-sedi ta’ l-istess socjeta’, u cjoe’ fil-fond “Travvellers’ Lodge”, Pioneer Road, Bugibba;

2. Illi mhux talli l-merkanzija giet ikkonsenjata originarjament lis-socjeta’ Travellers’ Lodge Company Limited u fil-fond “Travellers’ Lodge, talli l-konvenut Anthony Mario Vella dejjem deher in rapprezentanza ta’ tali socjeta’;

3. Illi minnghajt pregudizzju, u apparti l-kwistjoni ta’ l-identita’ tal-partijiet, fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kunsenja tal-merkanzija saret in konsegwenza ta’ kuntratt affett minn kawza illecita, li l-kunsens ghalih gie estort mill-konvenut Anthony Mario Vella b’minacci u b’theddid gravi minn rapprezentanti tal-kumapnnija attrici, kif ukoll minn terzi persuni, kif se jirrizulta mill-provi;

4. Illi sar pagament parzjali fuq l-ammont originali permezz ta’ bank draft, kif ukoll permezz ta’ pagament fi flus kontanti;

5. Illi inoltre, il-konvenut Anthony Mario Vella, biex jinhall minn kull relazzjoni minn mar-rapprezentanti tal-kumpannija attrici, irritorna parti mill-merkanzija in kwistjoni, u dan bi ftehim bejn il-partijiet;

6. Illi minn zewg magni tal-kaffe’, l-impjegati tal-kumpannija attrici hadu lura wahda tal-valur ta’ cirka elf u erba’ mitt lira maltin (Lm1400) u ghaldaqstant hija l-kumpannija attrici stess li tinsab debitrici tas-socjeta’ Travellers’ Lodge Company Limited, u dan in vista tal-fatt li l-prezz miftiehem tal-merkanzija konsenjata u mhux ritornata huwa inferjuri ghall-ammont imhallas precedentement;

7. Illi dan kollu jinghad minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-konvenuti jew tas-socjeta’ Travellers’ Lodge Company Limited li jitolbu r-ripetizzjoni ta’ l-indebitu in vista tal-fatt li l-ammont imhallas precedentement thallas fuq kuntratt affett minn frodi, coercizjoni u kawza illecita, u ghaldaqstant null u bla effett fil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-affidavits ta’ Alfred Schembri presentati mis-socjeta attrici;

Semghet lill-istess Alfred schembri fil-kontro-esami;

Rat l-affidavit tal-konvenut u semghet lill-istess konvenut in kontro-esami;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici;

Rat-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tat-28 ta' Frar 2001 li biha gew akkolti l-ewel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u kwindi giet michuda t-tieni talba attrici;

Rat is-sentena tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-16 ta' April 2004 li biha giet revokata l-imsemmija sentenza tat-28 ta' Frar 2001 billi gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi ordnat li l-atti jigu rinvijati lill din il-Qorti sabiex il-kawza tigi trattata u deciza skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esbiti;

Rat li l-kazwa giet differita beix tinghata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centesmu (Lm1454.62) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merca kif ukoll prezz ta' riparazzjonijiet ezegwiti fuq inkariku tal-konvenuti. Ghalhekk is-socjeta atttrici qed titlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma;

Il-konvenuti qed jeccepixxu preliminarjament li huma propio mhux il-legittimi kontraditturi fis-sens li l-oggetti in kwestjoni gew mibjugha u kkonsenjati lill socjeta. Fil-mertu jeccepixxu li l-kunsenja in kwestjoni saret in konsegwenza ta' kuntratt affett minn kawza illecita u l-istess kunsens tal-konvenuti gie estort b'minacci u b'theddid gravi;

Il-konvenuti jeccepixxu inoltre li saru pagamenti li ma gewx ikkunsidrati mis-socjeta attrici u giet ritornata lis-socjeta attrici parti mill-merkanzija in kwistjoni. In effett is-

socjeta attrici hadet lura magna tal-valur ta' cirka elf u erba' mitt lira maltin (Lm1400) u ghalhekk hi s-socjeta attrici li thandha tghati lill-konvenuti;

In vista tal-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell bhala eccezzjonijiet jonqos li jigu decizi dawk li l-konvenuti jsejjhu "fil-meritu" u cioe' li l-kuntratt in kwestjoni hu null peress li kien affett minn kawza illecita, li l-kunsens tal-konvenuti gie estort b'minacci u theddid u li in effett minnhabba pagamenti li saru u minhabba li gew ritornati xi oggetti, huma, in effett, l-atturi li huma debituri tal-konvenuti;

Ghandu jinghad mill-bidu nett li l-ebda wahda minn dawn l-eccezzjonijiet ma giet pruvata sufficjentement. Dwar dawn l-istess eccezjonijiet i-konvenut jghid li huwa ftihem mas-socjeta attrici li jixtri zewg magni tal-kafe' ghall-lukanda tieghu. Skond il-konvenut is-socjeta attrici pproponitlu li l-konvenut jhallas ghal magna wahda biss, li kienet tiswa Lm900, u l-ohra kellha tkun b'xejn bil-patt u kundizzjoni pero li l-konvenut jimporta fuq ismu pero' ghan-nom tas-socjeta attrici magni tal-loghob u amusement machines u dana peress li l-konvenut bhala lukandier kien intitolat ghal esenzjoni ta' dazju fuq l-importazzjoni ta' dan it-tip ta' magni. Il-konvenut jghid li skond il-ftehim xi uhud minn dawn il-magni tal-loghob kellhom jitqieghdu fil-lukanda tal-konvenut u l-partijiet kellhom jaqsmu il-profitti relattivi;

Il-konvenut jallega li s-socjeta attrici sabiex isir l-imsemmi allegat ftehim esercitat fuqu pressjoni anke f'forma ta' theddid u minacci. Il-konvenut ammetta li dak li kien qed jigi propost lilu kien illecitu pero' finalment huwa accetta. Il-konvenut jghid ukoll li huwa kien iffirma xi dokumenti dwar l-importazzjoni tal-magni tal-loghob pero' dawn il-magni qatt ma wasslu fil-lukanda tieghu;

Minn dan kollu ma jirrizultax ippruvat li in effett sar bejn il-partijiet il-ftehim li jallega li sar il-konvenut. Anzi jirrizulta li meta saret il-konsenja tal-magni tal-kafe' l-konvenut iffirma "hire-purchase" agreement u ffirma ukoll diversi kambjali a favur tas-socjeta attrici ghar-rigward tal-bilanc li

kien ghandu dovut. Dan jindika li ma kien hemm ebda ftehim iehor oltre l-bejgh tal-magni tal-kafe'. Zgur li mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut gie minaccjat u mhedded biex sari l-ftehim kif minnu allegat. Ghalhekk la jirrizulta li kien hemm kawza illecita u lanqas li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat;

Il-konvenut jallega li huwa hallas ghal dak kollu li kellu jghati lis-socjeta attrici ghal magni tal-kafe in kestjoni. Dan zgur li ma jirrizultax u ma gew presentati ebda provi dokumentarji bhal ma huma ricevuti. Il-konvenut jghid ukoll li s-socjeta attrici kienet maret fil-lukanda tieghu u hadet wahda mill-magni u din ma gietx ritornata. Ma jirrizultax li s-socjeta qabdet u hadet wahda mill-magni in kwestjoni. F'dan ir-rigward jirrizulta li wara xi sentejn li sar il-bejgh, wahda mill-magni kellha bzonn li jsirulha xi xogholijiet tal-manutenzjoni. Is-socjeta attrici avzat lill-konvenut kemm kien il-prezz relattiv ghal dan ix-xoghol. Il-konvenut qatt ma mar ihallas u jigbor il-magna u ghalhekk l-istess magna baqghet ghand is-socjeta attrici. Dan ma jammontax ghal fatt li s-socjeta attrici hadet lura l-magna in kwestjoni u ma jitax jinghad li gie rexiss il-kuntratt. Ghalkemm skond l-imsemmi "hire-purchase agreement" is-socjeta attrici jekk riedet setghet tittermina il-kuntratt u tiehu lura l-magni. Jirrizulta li meta l-magna kienet ittiehdet ghand l-atturi ghall-imsemmija xogholijiet kienu ghaddew xi sentejn mill-ftehim u ghal-hekk is-socjeta attrici setghet deherilha li ma kienx konvejenti li tittermina il-kuntratt u tiehu lura l-magni;

Ir-rappresentanti tas-socjeta attrici kkonfermaw li l-ammont indikat fic-citazzjoni hu kollu dovut u dan ukoll skond diversi dokumenti li gew esibiti. Jirrizulta ukoll li l-konvenut, diversi drabi, ghamel pagamenti lis-socjeta attrici permezz ta' cekkijiet, liema cekkijiet pero' gew ritornati mhux imsarrfin;

Hu rilevanti li jigi notat li imsemmi ftehim iffirmat miz-zewg partijiet kien jirrigwrda magna tal-kapuccino (mini), magna ohra tal-kapuccino u 20 pakkett milk topping, 10 pakketti kafe gold blend, 10 pakketti ċikkulata u 10 pakketti te għall-prezz komplessiv ta' Lm2950. Jirrizulta

sufficjentement pruvat li fadal x'jithallas il-bilanc indikat fic-citazzjoni;

In vista ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha li l-konvenuti isejjhu "fil-meritu" ghandhom jigu rigettati, filwaqt li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet "fil-meritu" tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centesmu (Lm1454.62) ekwivalenti ghal tlett elef mija u disa u disghin punt wiehed hamsa euro (€3199.15) dovuti skond kif indikat fic-citazzjoni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-25 ta' Awissu 1998 sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------